MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2022/2002

**Avviz Numru 2022/02 AJD**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Anthony L. Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mittejn u sbatax il-lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm217.39) rappresentanti hlas ghal servizzji rezi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 9945 0730. Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-effettiv pagament kif ukoll bl-ispejjes tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz.

Ra li l-konvenut deher fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2002 u ammetta t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mittejn u sbatax il-lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm217.39) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**